ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 40 IL-ĠIMGĦA, 16 TA' FRAR 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Martina Brancaleone - Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**40/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**40/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Martina Brancaleone li ma setgħetx tattendi peress li kienet ma tiflaħx; tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig li kien jinsab imsiefer; u tal-Kunsillier Robert Cremona li ma setax jattendu l-laqgħa minħabba xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**40/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 39**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 39 li nżammet nhar it-Tnejn 5 ta' Frar 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 39 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**40/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**40/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**40/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma l-Kunsill li ġie ffirmat il-konvenju tax-xiri tal-garaxx u għad fadal li niksbu l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi u l-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex inkunu nistgħu nieħdu self minn bank lokali.

**40/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma l-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt mal-Ministeru tal-Ambjent fejn il-Kunsill se jkun qed jingħata Eur 30,000 għal proġett ta' tħawwil ta' siġar u pjanti.

**40/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq ittra mill-Kumitat Festi Esterni dwar il-proposta tagħhom għal Jum Ħal Qormi. Il-Kunsill aċċetta l-proposta *nem.con*.

**40/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali infurmana li l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-Iskema tal-Attivitajiet ma ġietx aċċettata u li ġiet meqjusa bħala ineliġibbli minħabba żball fl-applikazzjoni. Il-Kunsill appella mid-deċiżjoni.

**40/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mas-Segretarju Parlamentari Clifton Grima kif ukoll il-familja Magri dwar il-każ li hemm fil-qorti dwar l-art li hemm ħdejn il-piċċ tal-futbol 5 aside. Is-Sindku spjega li l-familja Magri offriet li ċċedi l-art li hija tagħha li hemm fil-piċċ sakemm il-Kunsill jirtira l-applikazzjoni PC li kien għamel biex ġiet skedata triq, kif ukoll li l-Awtorita' tal-Artijiet tatihom biċċa art tal-istess kobor fil-biswit. Is-Sindku ressaq din il-materja għad-deċizjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju b'mod unanimu. Il-Kunsill għandu jara mal-avukat tal-Kunsill dwar id-dettall ta' kif din tista' ssir billi kollox ikun rrekordjat.

## 40/05 RAPPORTI

### 40/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2017 GHALL-AWDITJAR

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li saret preżentazzjoni mill-accountant tal-Kunsill. **DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex dawn il-financial statements jiġu approvati

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsillier (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

### 40/05/02 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORTS OCT-DEC 2017

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li saret preżentazzjoni mill-accountant tal-Kunsill. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex dawn il-financial statements jiġu approvati

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsillier (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**40/06 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **iffirmati** | **iffirmati** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 12 ta' Marzu 2018.**